MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 410/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alfred Abela talli:

(1) Fit-30 ta’ Settembru 2006 ghall-habta ta’ 8.15 a.m. gewwa Triq Ghajn Dwieli, Paola kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, storbju, glied jew mod iehor;

(2) Fl-istess cirkostanzi qal kliem fahxi li jikkonsisti f’ dagha fil-pubbliku;

(3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal P.C. 1091 K. Camilleri persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta’ l-14 ta’ Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Alfred Abela mhux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u lliberatu minnha izda sabitu hati ta’ l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu ghal twiddiba;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fil-21 ta’ Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li: (a) tikkonfermaha fejn sabitu hati ta’ l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet, filwaqt li (b) tirrevokaha u thassarha (i) f’dik il-parti fejn ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u fejn illiberatu minnha, u (ii) f’dik il-parti fejn infliggiet piena ta’ twiddibha konsegwenti s-sejbien ta’ htija ghall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, u minflok (i) issibu hati wkoll tat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u (ii) tinfliggi l-piena ghat-tliet imputazzjonijiet skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant Avukat Generali huma s-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament irragjonevoli tal-provi migjuba quddiemha; (2) kwantu ghad-delitt ravvizat taht l-artikolu 96 tal-Kap. 9, l-ewwel Qorti erogat piena li fix-xorta u fil-kwantita` taghha hija differenti minn dik preskritta ghar-reat *de quo*.

L-ewwel aggravju jirrigwarda t-tieni imputazzjoni li minnha l-appellat gie lliberat mill-ewwel Qorti. L-appellant jghid li x-xhud tal-prosekuzzjoni P.C. 1091 Kevin Camilleri ma giex kontradett f’dak li qal u ghalhekk ma kien hemm l-

ebda raguni sabiex l-ewwel Qorti tillibera lill-appellat mit-tieni imputazzjoni.

Din il-Qorti semghet ix-xiehda kemm ta’ P.C. 1091 Kevin Camilleri kif ukoll dik ta’ l-appellat.

P.C. Camilleri xehed illi waqt l-incident in kwistjoni l-appellat beda jidghi. Mistoqsi mill-Qorti jekk l-appellat kienx qed isemmi lil Alla, lill-qaddisin, lill-Madonna, jew inkella jekk kienx qed jghid kliem pastaz, ix-xhud wiegeb li l-appellat kien qed isemmi “lill-qaddisin”. Mistoqsi mill-gdid mill-Qorti x’qal l-appellat, ix-xhud wiegeb li l-appellat dagha “b’Alla u bil-Madonna”. Mill-banda l-ohra l-appellat cahad li dagha b’Alla u bil-Madonna ghalkemm accetta li indirizza xi kliem pastaz lejn il-persuna li kienet ittamponatu minn wara.

Fid-dawl ta’ dawn il-provi, l-ewwel Qorti ghamlet sew li lliberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni. Ix-xhud tal-prosekuzzjoni deher incert dwar dak li allegatament sema’ lill-appellat jghid. Imbaghad hemm ic-cahda kategorika ta’ l-appellat. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena moghtija dwar it-tielet imputazzjoni. L-appellant jghid illi l-artikolu 96(a) tal-Kap. 9 jippreskrivi piena ta’ prigunerija minn erba’ xhur sa sena. L-ewwel Qorti applikat il-piena tat-twiddiba wara li ccitat l-artikolu 21 tal-Kap. 9. Skond l-appellant, il-piena hekk inflitta mhijiex fil-kwalita` u fil-kwantita` dik kontemplata mil-ligi ghal dawn ir-ragunijiet: (1) it-twiddiba hija piena preskritta ghall-kontravvenzjonijiet; (2) l-inzul mill-piena ta’ prigunerija, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 9, hija ghall-piena ta’ multa; (3) ir-ragunijiet imsemmija mill-ewwel Qorti biex tiggustifika l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 9 mhumiex ragunijiet “specjali u straordinarji” u huma sindakabbli minn din il-Qorti.

Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tfisser diversi drabi, l-artikolu 21 tal-Kap. 9 hu car u ghandu jigi rispettat kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza mill-qrati fl-ghoti tas-sentenzi taghhom.

L-artikolu 21 tal-Kap. 9 jipprovdi testwalment hekk:

**“Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 492, il-qorti tista’, ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fiss-entenza, taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun tixraq, ghad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taht id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 20, minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 7.”**

L-artikolu 7 tal-Kap. 9 jipprovdi ghall-pieni li jistghu jigu moghtija ghad-delitti u dawk li jistghu jigu moghtija ghall-kontravvenzjonijiet. Ghalhekk, meta l-artikolu 21 jipprovdi li qorti tista’ taghti piena izghar “minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 7”, dan ifisser illi fil-kaz ta’ delitti jistghu jigu applikati biss dawk il-pieni msemmija fl-artikolu 7(1)(a) sa (d) u fil-kaz ta’ kontravvenzjonijiet dawk il-pieni msemmija fl-artikolu 7(2)(a) sa (c). B’hekk fejn delitt huwa punibbli bi prigunerija, qorti tista’, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 21, tinfliggi l-piena tal-multa.
Fil-kaz odjern, it-tielet imputazzjoni huwa delitt u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx tinfliggi l-piena tat-twiddiba.

L-artikolu 21 irid ukoll illi piena izghar tista’ tinghata ghal “ragunijiet” (fil-plural) li jkunu kemm specjali kif ukoll straordinarji. L-ewwel Qorti applikat l-artikolu 21 wara li qalet illi “l-incident kien wiehed minimu u ta’ ebda importanza”. Apparti li din tikkostitwixxi raguni wahda, din il-Qorti ma tara xejn “specjali” u wisq anqas “straordinarju” fil-fatt li l-incident kien “minimu”. Ic-cirkostanzi tal-kaz pero` jindikaw li dan huwa kaz fejn huwa opportun illi jigu applikati l-provvedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446. Difatti hawn kellna sitwazzjoni fejn l-appellat kien ghadu kemm gie ttamponat minn wara fi Triq Ghajn Dwieli u x-xufier tal-karrozza li kienet ittamponatu nizel jghajjat ma’ l-appellat. Huwa minnu li l-appellat spicca jghajjat hu wkoll izda meta tfacca P.C. 1091 biex jikkontrolla s-sitwazzjoni, l-agir ta’ dan P.C. 1091 ikkawza reazzjoni prettament awtomatika da parti ta’ l-appellat – it-tnejn imbuttaw lil xulxin. Ghaldaqstant it-tieni aggravju ta’ l-Avukat Generali

jimmerita li jigi milqugh u jinghata l-provvediment sottoskritt.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellat ghal twiddiba dwar it-tielet imputazzjoni, tiddeciedi billi, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellat, a tenur ta’ l-artikolu 22(3) tal-Kap. 446, bi kliem li jiftiehem sewwa li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------